KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 74** **Tnejn 2 ta' April 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech - Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera
George Borg – Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Dott. Angele Rapa – Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier

**ASSENTI:**
Mario Victor Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Rapa u Farrugia. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Rapa u Farrugia.

**74.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti numri 73.**
**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – 'Byelaw' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Sindku nforma li jrid jiffinalizza din il *bye-law*, fejn il-ġnien ġie maqsum f'żoni bi prezz f'kull żona u prezz ieħor għal min jkun jixtieq juża l-ġnien kollu.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li l-Enemalta ser jippublikaw it-tender għad-dawl tal-pjazza u sadanittant il-*floodlights* li kien issuġġerixxa il-Kunsillier Cassar saru fil-pjazza, b'mod temporanju.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras – FOND AMBJENTALI ERA**
Is-Sindku nforma li l-perit tal-Kunsill għadu ma lestiex il-BOQ, fejn is-Sindku fakkar lil-membri preżenti li dan il-fond ta' l-ERA ser jintuża għax-xogħol strutturali f'dan l-ġibjun, u għalhekk bħala *finishing* tal-*belvedere* jrid jsir mill-Kunsill.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-avukat informa li lesta l-abbozz u illum kellu jibgħatu lid-DLG għal approvazzjoni.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**
Is-Sindku nforma li mar mal-LESA fuq il-post, u ndunaw li kien hemm bosta bejjiegħa li mhux f'posthom, u għalhekk qed jsir eżerċizzju mill-ħaddiema tal-Kunsill, fejn qed jagħmlu lista tal-bejjiegħa, nkluż dawk li għandhom sostitut. Il-lista qed titqabbel wkoll mall-lista tal-gazzetta tal-Gvern.

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**
Dwar il proġett ta' Project Green, rigward il *pre-financing* tat-10% tal-ammont li huwa madwar €200,000, is-Sindku nforma li trid issir laqgħa mas-Segretarju Permanenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara nofs in-nhar illum rċevejna il-pjanti *updated* ta' Project Green, liema pjanti ntbagħtu lil-Kunsilliera.

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Sindku nforma li għad jrid jaraw min fejn ser jieħdu s-*supply* għal-elettriku, għax hemm żewġ residenti m'aċċettawx, u għalhekk qed jieħu ħsieb biex jsibu alternattiva oħra.

Fis 6:30pm daħal għal laqgħa l-Kunsillier Gauci.

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL/l-Pont u Monument fil-pjazza (Obelisk)**
Il-membri preżenti talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinħareġ espressjoni ta' interess fuq dawn il-kriterji maqbula fl-laqgħa numru 71.

- l-Kunsill ma jkunx obbligat li jmur għal irħas proposta,
- l-monument jkun jista' jinqala,
- sejħa toħroġ għal artisti Mostin,
- jkun hemm il-prezz ta' kemm jiġi jiswa u nstallat,
- d-disinn ma jkunx replikat f'xi raħal ieħor mill-artist.
- l-artist irid jagħti kas il-viżibilità għas-sewwieqa;

**REF: 61.3.2 Street Naming**
Is-Sindku nforma li din il-materja għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee,* kif wkoll hemm proprjetajiet ġodda fejn ma hemmx isem tat-triq.

**REF: 62.3.2 Tenders**

Saret diskussjoni dwar jekk għandux jinħareġ it-tender tal-knis peress li mill-Cleansing and Maintenance Division (CMD) ma smajna xejn dwar jekk is-CMD hux ser iżid ħaddiema mad-diviżjoni tali mod li jkun jista' jikkwota biex isir ix-xogħol tal-knis fil-lokalità. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tibgħat tfakkira lis-CMD ħalli jekk ser jdumu, l-Kunsill imexxi biex jinħareġ it-tender tal-knis fil-Mosta.

**REF: 64.3.7 Small Medium Enterprises (SME)**

Sindku nforma li minuti ma ntbagħtux u mhux neċessarjament ittieħdu.
Din kienet laqgħa organizzata mill-SME's għall-membri tagħhom u s-Sindku stqarr li hu kien sempliċiment mistieden.
il-laqgħa formali man-negozji u mar-rappreżentanti tal-SME's saret fuq stedina tal-Kunsill ġewwa s-sala tal-Kunsill lokali. Kulħadd kien mistieden u tqassmu ittri n-negozji kollha u inħareġ avviż fuq il-*facebook* tal-Kunsill Lokali.

**REF: 66.3.2 - Cir AKL 2023/085 Laqgħat Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex**

Is-Sindku nforma li din l-iskema għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee.*

**REF: 66.3.5 Siġar tal-Ficus**

Is-Sindku nforma li sar att vandalu fuq is-siġar tal-ficus, u dak in-nhar li sar jaf ċempel lil-ERA biex jara jekk għamlux x'intervent huma, fejn infurmaw lis-Sindku li l-ERA m'għamlux interventi, u għalhekk is-Sindku mar jagħmel rapport l-għassa, però l-Pulizija nformawh li ma kienx hemm għalfejn isir rapport ieħor għax diġà sar rapport ieħor u diġà skattaw l-investigazzjonijiet. Is-Sindku stqarr li huwa ħareġ stqarrija immedjata f'isem il-Kunsill;

Il-Kunsillier Cassar nforma li l-att vandalu ma sarx biss fil-pjazza, imma wkoll fis siġar tal-ewkaliptus fi ġnien Reggia Cilia, liema att jidher li huwa aktar antik. Is-Sindku nforma li ma kienx jaf dwar l-att vandalu fuq dawn is-siġar wkoll, u saqsa lill-*Minority Leader* is-Sur Keith Cassar jekk huwa kienx mar jagħmel rapport l-għassa. Il-Kunsillier Cassar wieġeb fin-negattiv u stqarr li qed jgħid lill-Kunsill. Is-Sindku nforma wkoll li l-ERA talbuh il-permess biex iwaħħlu kameras mall-faċċata taċ-ċentru Ċiviku, liema kameras twaħħlu u l-ERA qed jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom flimkien mal-Pulizija.
Is-Sindku stqarr li huwa kien ser jagħmel rapport lill-ERA immedjatament fuq dak li kien għadu kemm qal il-kunsillier Cassar.

**REF: 66.3.7 Maintenance Agreement Pavimentar Pjazza**

Is-Sindku nforma li rċevejna d-*draft agreement* illum u għalhekk dan għad iridu narawh. Is-Sindku fakkar lil membri preżenti li kien talab lill-kuntrattur biex l-ewwel sena ta' l-2024 il-manutenzjoni jkun mingħajr ħlas u l-ħlas jibda mis-sena 2025 għall-perjodu ta' 5 snin.
Apparti l-manutenzjoni neċessarja u li l-Kunsill obbligat li jagħmel, inkella taqa' l-garanzija fuq ix-xogħol tal-pavimentar, ser ikun hemm ukoll il-ħasil tal-pjazza kif ukoll il-frekwenza tal-ħasil għaliex dan huwa wkoll parti mill-manutenzjoni;

**REF: 66.4.4 Ħarġa tal-Kunsill**

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss ser issir nhar il-25 ta' April ġewwa il-Palazz tal-Gran Mastru. Filwaqt li għal ħarġa ta' Frar saru żewġ ħarġiet fejn attendew 73, u għal ħarġa tas-27 ta' Marzu saret żjara iż-Żejtun u attendew 81.

**REF: 69.4.1 Plakka Kommemorattiva u Ktieb**
Is-Sindku nforma li l-plakka kommemorattiva saret personalment mis-Sindku. Il-Kunsillier Deguara nforma li l-materjal għal-ktieb li ser jagħmel il-Kunsill għadu qed jinġabar u kważi lest.

**REF: 67.4.12 Baġit**
Is-Sindku fakkar li qed jkun *drafted* l-*agreement* tal-pjazza mad-DPF, liema flus huma riservati mal-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sindku nforma li tad-DPF talbuh aktar informazzjoni bħal pjanti kif sar ix-xogħol attwali, informazzjoni fuq it-tappieri mwaħħla u l-BOQ's b'kull żona b'referenza mall-pjanta.

**REF: 67.4.7 Trasport Pubbliku**
Is-Sindku nforma li biex isir is-*survey* neċessarju issa li nfetħet triq Kungress Ewkaristiku ser ikun qed jitlob laqgħa mal-Ministru flimkien mas-CEO l-ġodda. Għad ma ngħatax appuntament, u f'din il-laqgħa ser jirsisti wkoll biex ikun hemm aktar frekwenza tal-karozzi tal-linja għaliex fil-*peak hours* dawk li jiġu min Burmarrad ikunu kollha mimlija. Il-proposta li semmew uffiċjali ta' TM hija li waqt il-*peak hours* tintuża r-rotta numru 47 li titlaq minn Santa Margerita.

**REF: 67.4.9 Triq Ġużeppi Callus u toroq tal-madwar (Torri, Xorxa, parti minn Cassar, Ċejlu Tonna u Mitħna l-Qadima kif ukoll pjazza Mitħna)**
Is-Sindku nforma li l-maġġur parti tat-toroq hemm l-ilma u drenaġġ lesti, ħlief għall-parti minn triq it-Torri, u għalhekk peress li din il-ġimgħa ma hemmx skola, ser jaħdmu fil-pjazzetta min naħa ta' triq Grognet.

Rigward triq Callus hemm żewġ xelters fejn wieħed qiegħed fi Triq Callus k/m triq Cejlu Tonna li dan infetaħ, saret spezzjoni u tnaddaf fil-preżenza tal-moniteraġġ arkeoloġiku. Qed jsir pjan biex is-servizzi li għaddejjin min ġo fih jiġu spustjati -barra mix-xelter. Apparti min hekk ser issir formazzjoni ta' bankina l-barra u ser ikollu jintilef parkeġġ, biex il-bokka tax-xelter issir fuq il-bankina *built out* flok fit-triq. Is-Sindku nforma wkoll li sar 3D *survey* minħabba d-devjazzjoni tad-drenaġġ.

Is-Sindku nforma li hemm xelter ieħor min triq Callus li jagħti ma triq il-Kungress Ewkaristiku, fejn hemm żewġ bokok, u nfetħet waħda minnhom fejn tbattal l-ilma, u hawnhekk wkoll is-servizzi ser jiġu *shifted* il-barra mix-xelter, u ser jsir *survey* tiegħu wkoll. Lis-skop huwa li dawn ix-xelters jintefħu għal-pubbliku. Bħala spejjez ta' *survey's* u devjazzjoni ser jsiru min Infrastructure Malta (IM), filwaqt l-ispejjeż għal-Kunsill huma fejn jidħol it-tindif tax-xelters. Wara li jsiru s-*surveys* jsir *storm water culvert* tul triq Callus kollha li tibqà sejra sa tarf Vjal l-Indipendenza.

Il-Kunsillier Cassar staqsa fejn qed isiru xogħlijiet f'dawn it-toroq u meta ser jkun hemm wiċċ ġdid? Is-Sindku nforma li t-tarmak huwa parti mix-xogħol ta' IM, u spjega kif qed jimxu bix-xogħlijiet. Is-Sindku żied jgħid li fejn hemm id-disinn tal-pjazza tal-Mitħna l-Qadima, talab li jkunu devjati l-*aerial lines,* fejn dil-ġimgħa ltaqaw tal-*utilites* kollha, però spejjez tal-*cables/arbli/feeder pillars* biex jkunu spustjati huma spejjez għal-Kunsill.

Il-membri preżenti qablu li jkun hemm lis-stimi f'idejn il-Kunsill, mbagħad wara l-membri tal-Kunsill jieħdu deċiżjoni dwar l-ispustjar tal-*cables.*

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li xi residenti ta' triq Santa Marija li tingħaqad ma triq Callus, kellmuha biex jsir wiċċ ġdid, peress li din it-triq żżomm ħafna ilma. Is-Sindku nforma wkoll li kien hemm xi residenti min triq Callus li tagħti ma triq Kungress Ewkaristiku.

Fuq nota oħra s-Sindku nforma li tlett residenti min triq Xorxa, bagħtu ittra bil-miktub lil-IM, għax kif ġiet it-triq bil-kontra, dawn qed jilmentaw li ma jistgħux jidħlu fil-garaxx u talbu biex id-direzzjoni ta' triq Xorxa possibbilment terġa' ddur u tiġi kif kienet qabel ma sar it-*traffic management* tagħha. Huwa ftiehem ma dawn ir-residenti li wara li jinbnew il-bankini ser jiġu pruvati dawn il-vetturi u tittieħed deċiżjoni flimkien mar-residenti.
Is-Sindku nforma li saret laqgħa fuq il-post ma' uffiċjali ta' IM kif ukoll ma dawn ir-residenti u ġew diskussi l-ilmenti ta' dawn ir-residenti. Jekk triq Xorxa terġa tinbidlilha d-direzzjoni tat-traffiku, triq Ċejlu Tonna żgur ikun meħtieġ li din tibqà kif inhi llum, cioe li minn triq Callus tista' tikser fuq il-lemin għal triq Ċejlu Tonna u tiġi fi triq it-Torri.

Rigward triq Ponsonby, is-Sindku nforma li tlesta l-*cable tal-EneMalta* u talab lil IM biex din it-triq tingħata bit-tarmak il-wisa kollu ta' triq minħabba l-problema li f'ħafna postijiet joqgħodu ħafna għadajjar tal-ilma u hemm bżonn jiġu riveduti l-livelli. IM għamlu *survey* ta' triq u nġabru l-livelli ta' triq eżistenti. Is-Sindku stqarr li mill-informazzjoni li tawh IM, dan ix-xogħol ta' tqaxxir u asfalt fil-parti ta' isfel ta' Ponsonby (lejn Torri) ser jinbeda sa nofs Mejju.

Il-Kunsilliera Galea staqsiet lis-Sindku dwar l-aħħar biċċa ta' triq Ponsonby, liema parti kellha ssir kif kienet qabel u tkun *one-way*. Is-Sindku nforma li din ħa ssir u tagħmel parti mit-*traffic management,* u biex issir triq il-Ħarifa trid tibqà kif inhi llum u ma jkun hemm l-ebda tibdil. Madankollu trid tiġi studjata r-rotta ta' dawk li min triq is-Sajf u triq ix-Xitwa jinżlu min Ponsonby u kif se jmorru lejn il-pjazza tal-Mosta jew lejn il-Belt fl-iqsar ħin possibbli.
L-aħjar soluzzjoni hija li meta titlaq minn triq is-Sajf jew triq ix-Xitwa u tinżel minn triq Ponsonby ikollok żewġ direzzjonijiet:

- jew tikser lemin għal Ħarifa biex tkun tista' tinżel lejn il-pjazza minn Rebbiegħa via Oratorju;
- jew tikser xellug, taqsam Kungress Ewkaristiku, tkompli f'Ħarifa u tikser xellug għall-aħħar parti ta' Ġlormu Cassar u toħroġ fi Vjal Indipendenza biex tmur lejn il-Belt;

Is-Sindku stqarr li issa tiġi diskussa fi *Traffic Management* u tiġi preżentata pjanta bid-direzzjonijiet lill-kunsilliera għal-laqgħa li jmiss ħalli din tiġi mplimentata minnufih malli jingħata l-asfalt ta' triq Ponsonby;

Fis: 7:00pm saret sospensjoni ta' l-aġenda 74.5.2 Access Temporanju mil-PAMA.

**REF: 71.3.2 Jupiter Roundabout**
Dwar il-materja jekk hux permissibbli u legali, li l-Kunsill jkun intermedjarju, biex jgħaddi l-flus min IM għall-każin Santa Marija, is-Sindku nforma li għad ma rċevejniex risposta.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA**
Is-Sindku nforma li dwar il-ġibjun għandu laqgħa mas-Segretarju Permanenti u l-Perit tal-Public Works l-ġimgħa d-dieħla.

Rigward arbitraġġ PAMA s-Sindku kellu laqgħa mal-PAMA qabel ma feġġet il-problema ta' l-aċċess ta' triq il-Waqqafa, fejn nformahom li kien hemm qbil waqt laqgħa tal-Kunsill li dawn jintużaw fuq parti mill-proġett ta' Project Green. Il-Kunsill lest li bil-bilanċ tal-flus tal-PAMA, l-

Kunsill jagħżel li jintefqu f'parti minn dan il-proġett, cioe bħala d-depożitu mitlub ta' 10% lill-Kunsill minn Project Green.
Is-Sindku stqarr li l-PAMA xtaqu li dawn il-flus dovuti jintefqu fuq proġett intier u mhux bħala depożitu għal parti minn proġett, ħalli b'hekk il-PAMA jkunu wettqu proġett fl-intier tiegħu u jkun jista' jkun hemm tabella li tindika dan li *sponsor* mill-PAMA għal tali proġett.
Is-Sindku nforma li bħala opzjoni oħra offra lil-PAMA li jsir il-proġett ta' l-Obelisk, basta l-logo tal-PAMA tkun plakka żgħira. Ir-rappreżentanti tal-PAMA ma sabux oġġezzjoni biex il-bilanċ tal-flus jintefqu biex jsir l-Obelisk fil-pjazza tal-Mosta u l-plakka tkun żgħira.

Is-Sindku nforma lill- PAMA li bħala bilanċ qed jippretendi s-somma ta' €275,000, li jinkorpora l-bilanċ ta' €250,000, l-interessi li għad jridu jiġu vvalutati, u li spiża għal ktejjeb li kellu jsir mill-PAMA u ma sarx. Is-Sindku qara l-imejl li bagħat lil PAMA nkluż ir-risposta tal-PAMA.

Saret diskussjoni dwar l-ammont li l-PAMA qed jsemmi fl-imejl li qed jiddikjara li nefaq €273,000. Il-membri preżenti iddiskutew x'bankini saru li skont il-kuntratt ma kellhomx jammontaw għal aktar min €200,000, kif wkoll it-tnaqqis tal-kont tal-perit tal-PAMA, fejn fil-kuntratt huwa ċar li spejjez tal-perit jridu jitħallsu mil-PAMA u mhux jitnaqqsu mis-somma dovuta lill-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar qara l-erbgħa *items* li hemm fuq il-kuntratt tal-PAMA. Kellhom jsiru żewġ ġonna b'€230,000, li kienu l-ġnien ta' Mlit (ġnien Kevin Vella), u ġnien taz-Zokrija, fejn il-Kunsill kien iddeċieda li l-€230,000, jmorru kolla fuq il-ġnien ta' Mlit (ġnien Kevin Vella), u twaqqa l-proġett tal-ġnien taz-Zokrija. Il-bankina ta' triq Pantar kienet diġà lesta qabel ma sar il-kuntratt u kienet vvalutata €50,000, u l-Planning Authority qablu li dawn jitnaqqsu.
L-ammont dovut mill-PAMA lill-Kunsill fuq il-kuntratt kien ta' €500,000. €20,000 kienu vvutati għal-pjazza li ma ntużawx, u għalhekk l-ammont totali li l-PAMA għandu jinvesti huwa ta' €250,000. Mbagħad kien hemm il-bankini li ma kellhomx jammontaw għal aktar min €200,000 jew 4,200 metru kwadru ta' bankini, u jekk f'xogħol ta' bankini għamel aktar il-PAMA, il-Kunsill mhux responsabbli, għax skont il-kuntratt il-PAMA kellu jġib l-awtorizzazzjoni mil-Kunsill.

Is-Sindku staqsa jekk dak iż-żmien il-Kunsill ta' lista ta' bankini lil PAMA biex jagħmel per eżempju 4,500 metru kwadru ta' bankini, it-300 metru kwadru żejda jiġu rigal? Il-Kunsillier Cassar nforma li skont hu l-kuntratt huwa ċar li l-PAMA jagħmel €200,000 jew 4,200 metru kwadru ta' bankini, u ma hemm l-ebda klawżola fil-kuntratt li jrid iħallas il-Kunsill jekk per eżempju il-lista ta' bankini kien fija aktar min €200,000 jew aktar minn4,200 metru kwadru. Il-PAMA ma setgħax jagħmel bankini mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar nforma li l-prassi ta' kif saru l-bankini, kienet li l-Kunsill jibgħat lista ta' bankini lil-PAMA, u konna nitolbu lil-PAMA biex jibgħat jgħidilna kemm fadal, qabel ma konna nibgħatu lista oħra, imma l-PAMA qatt ma kien jibgħat listi. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li kienet tibgħat bosta imejls u ma jirrispondux, u għalhekk li kieku qbiżna l-ammont, kienet responsabiltà tal-PAMA li jinforma lill-Kunsill.
Il-Kunsillier Deguara nforma li possibbilment l-anqas 4,200 metru kwadru ma ġew eżawriti mill-PAMA biex jagħmel f'bankini, għax kien ta' spiss jibgħat lil-eks Sindku Baldacchino Zarb, lista ta' bankini biex isiru u ma sarux.
Il-Kunsillier Cassar żied jgħid, illi meta saru l-bankini jista' jkun li uħud mil-bankini sar il-wiċċ biss, u ma saritx il-kurduna wkoll, u jista' jkun li kien hemm bankini fejn kien hemm bżonn isir kurduna biss.

Is-Sindku kompla jaqra l-imejl tal-PAMA fejn jixtiequ jagħlqu bis-somma ta' €220,000. Il-membri preżenti qablu li jkunu ċċekkjati l-metraġġi ta' bankini li saru mil-PAMA.
Is-Sindku nforma li huwa ser jsostni fil-komunikat tiegħu mall-PAMA li huma jħallsu s-somma ta' €270,000 u jingħalaq dan il-kapitlu, jaqà l-arbitraġġ u kulħadd iħallas l-ispejjeż legali tiegħu.

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Sindku nforma li l-perit tal-Kunsill għadu ma għamilx il-BOQ's bir-rati l-ġodda ta' Infrastructure Malta (IM), ta' sqaq Xorxa, sqaq San Anton Abbati, Dun Mikiel Xerri, Charles J. Vassallo. Fl-aħħar laqgħa l-membri qablu biex dawn it-toroq jsiru min IM jekk dejjem jaċċettaw, u jitneħħew min fuq id-DPF.

Il-Kunsilliera Cassar staqsa peress li hemm tender tal-Perit li għadu mhux evalwat u nħareġ fl-2022, u jistax ikun il-każ fejn il-perit li ser ikun magħżul issa jaċċettax li jaħdem bir-rati ta' l-2022 u għalhekk jirrinunzja li jiffirma l-kuntratt? Jekk jiġri hekk ifisser li jaqà t-*tender* u jkollu joħroġ *tender* ieħor mill-Kunsill?
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li jista' jkun il-każ li jiġri hekk.

**REF: 71.3.6 Street Furniture**
Il-kuntratt tal *bus shelter* ġie *drafted* u qiegħed għand is-Sindku.

Rigward *street furniture* tal-pjazza, s-Sindku nforma li talab €50,000 għall-*bollards* lill-Malta Tourism Authority (MTA) u lill-Ministru Bartolo. It-talba ntlaqat u dawn ser jkunu f'finanzjati mil-fond tat-Tourism Zone Regeneration Agency (TZRA) fi ħdan l-Ministeru tat-Turiżmu. Is-Sindku bagħat il-BOQ għal-*bollards* ta' triq Kostituzzjoni liema somma mitluba kienet dik ta' €53,800. It-TZRA aċċettaw li jħallsu din is-somma globali għal dawn il-*bollards.* TZRA ser jgħaddu l-flus lil IM, u IM jagħmlu l-*procurement* neċessarju.

Is-Sindku nforma li hu talab u ġab is-somma ta' €200,000 inkluż il-VAT mill-MTA, li kienu għall-*bollards* tal-pjazza cioe hemm dawk fissi u parti mill-oħrajn li jinqalgħu, żewġ *cabinets* tal-injam *iroko* biex jitgħattew *feeder pillars* tal-*Enemalta* u entitajiet oħra, diversi *planters* tal-*cast iron* u żewġ *planters* oħra ta' l-injam *iroko.*
Is-Sindku żied jgħid, li l-*bollards* ser jiġu min żewġ skemi oħra.
Apparti dawk ta Kostituzzjoni bil-fondi ta' TZRA, hemm:

- **SPI-SPC-05-2023** – Manutenzjoni ta' Proġetti Kapitali - fejn applikajna għal *bollards* tal-qawwi, sfejjer tal-qawwi, 12 il-*bollard* li jinqalgħu u l-installazzjoni li b'kollox l-ispiża tammonta għal €61,904 inkluż il-VAT. Minn din l-iskema ser nibbenefikaw minn €30,000 inkluż il-VAT.

- **SPI-SPC-02-2024** – Kommunitajiet aktar b'saħħithom - fejn applikajna għal *bollards* li ser jintużaw biex tingħalaq il-pjazza fil-*weekend* u meta hemm bżonn fejn l-istima hija ta' €52,500 inkluż il-VAT. Minn din l-iskema ser nibbenefikaw minn €30,000 inkluż il-VAT.

Fit-8:20pm il-membri preżenti qablu li ħin tal-laqgħa jkun estiż b'nofs siegħa, sad-9:30pm

**REF: 71.5.7 Xogħol tal-Enemalta minn Infrastructure Malta fil-Mosta**
Is-Sindku nforma li nbidlet il-pjanta min fejn l-Enemalta ser jgħaddu bit-trinek, u qassam mall-membri preżenti l-pjanta riveduta li qed tiġi annessa bħala Appendiċi B.

Is-Sindku nforma li bħala *update* ġew evitati Valletta Road u triq Kungress Ewkaristiku, fejn issa ser it-trinek ser jgħaddu min triq il-Ħtajriet, fejn tingħaqad ma triq il-Kulleġġ, Ponsonby u Callus.

**REF: 72.4.2 Zebra Crossing fi Vjal Indipendenza**
Is-Sindku nforma li z-*zebra crossing* għad trid issir, mir-*roundabout* fejn hemm illum sa triq il-Kbira, u sar-*roundabout* ta' quddiem Ventur.

**REF: 72.5.4 Traffic Management**
Is-Sindku staqsa fuq triq Britannja x'ser nagħmlu fuq din it-triq jekk indratx jew le. Huwa stqarr li mhux qed jkollu lmenti.
Il-Kunsillier Cassar nforma li meta jmur jaħdem il-post tiegħu il-viċinanzi qed jkollu lmenti fuqha, u nforma li hemm problema fuq triq il-Wata biex tikser għalija min triq Tumas Dingli, fejn resident ilu jibgħat ħafna fuqha, u kull darba nirrispondu li trid titlà *Traffic Mangement.* Il-problema hija li qed jkun hemm vetturi pparkjati fil-kantuniera, u fil verità hemm *yellow line* u li dan huwa kas ta' *enforcement.* Is-Sindku nforma li bħala *Traffic Management* kollu mplimentat u kull ma fadal ta' triq Ponsonby, triq il-Ħarifa u jista' jkun hemm tibdil fi triq Xorxa kif diġà diskuss, u l-bqija jibqa' triq il-Wata li ridna naraw kif qed taħdem. Il-Kunsillier Cassar nforma li Triq San Ġwann ġiet tajba sakemm ir-residenti josservaw it-tabelli.

Saret diskussjoni dwar triq Britannja u s-Sindku nforma li ma tistax tibqà kif inhi bil-*bollards* tal-plastik għax ila taħt prova. Il-Kunsillier Cassar irrakkomanda li triq Britannja tibqà kif inhi, u tkun diskussa waqt it-*Traffic Management Committee.*

**REF: 73.3.2 Skemi**
Is-Sindku ta' *update* fuq l-iskemi u għalxiex ser napplikaw.

- **SPI/SCI/01/2024** - Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-Lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Data ta' l-għeluq il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu 2024. Is-Sindku nforma li din l-iskema ma tantx kienet interessanti.

- **SPI/SCI/02/2024** - Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi. Data ta' l-għeluq it-Tlieta, 9 ta' April 2024. Din ser japplikaw għal *bollards* biex tkun tista' tingħalaq il-pjazza matul il-*weekends*, u ser jaħdmu fuqha il-Kunsilliera Bonnici u Galea.

- **SPI/SCI/03/2024** - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa. Data ta' l-għeluq il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju 2024. Din l-iskema f'idejn il-Kunsilliera Bonnici u Galea.

- **SPI/SCI/04/2024** - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Data ta' l-għeluq il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 2024. Din ser napplikaw għal *cast iron planters* għal-pjazza/Ewkaristiku. Ser jieħu ħsieb l-applikazzjoni s-Sindku.

- **SPI/SCI/05/2024** - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025. Data ta' l-għeluq it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2024. Din ma kienitx vallapena għax ma tantx kien hemm fondi *disponibbli*, applikaw ħafna u l-massimu li ħadu kien ta' madwar €6,000.

Il-membri preżenti approvaw li skemi.

**REF: 73.5.1 Financial Statements 2023**

Il-Kunsillier Cassar staqsa kif ser nibdew nħallsu r-Reġjun Tramuntana dwar il-pagamenti ta' lis-skart. Is-Sindku nforma li ser issir laqgħa mar Reġjun Tramuntana biex naslu għal *payment agreement.* Huwa stqarr li qed jinnegozja termini tajbin ħafna.

Il-membri preżenti approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 73.

**74.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**74.3.1 SPI/SCI/06/2024 - Tnedija mill-ġdid tal-Community Inclusive Employment Scheme (CIES)**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din l-iskema tagħlaq nhar it-12 t'April 2024, u ser napplikaw għal-*handyman.*

Il-membri preżenti approvaw li napplikaw għal din l-iskema.

**74.3.2 Notebook Centre**

Is-Sindku nforma lil-membri preżenti, li għamel kuntatt miegħu s-Sur Demicoli u staqsa għalxiex din is-sena il-Kunsill tal-Mosta, mhux ser joħroġ l-offerta lir-residenti biex jagħmlu manutenzjoni b'xejn tal-kompjuter. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti, li ma nistgħux nagħmlu dan l-*agreement* kif sar fis-snin preċedenti għal-żewġ raġunijiet. Waħda, hi li ġibdulna l-attenzjoni d-DLG li dan ma jistax jsir mingħajr ma jintalbu kwotazzjonijiet, u t-tieni ħaġa kif jafu l-membri preżenti, fondi biżżejjed il-Kunsill bħalissa m'għandux.

**74.3.3 Eżamijiet tal-MATSEC**

Is-Sindku nforma li waqt l-eżamijiet fl-iskejjel taz-Zokrija u Lilly of the Valley, qed jkun hemm traffiku meta qed jsiru l-eżamijiet tal-MATSEC. Is-Sindku nforma li s-Sa. Desiree nfurmatu li dwar Lilly of the Valley ma aċċettawx tibdil għax jattendu tfal bi bżonnijiet speċjali mgħall-eżamijiet u jkunu jridu jassistuhom u jwassluhom viċin. Is-Sindku ssuġġerixxa li jkollhom uffiċjal, imma huma mhux lesti li jinvestu f'uffiċċjal, għax għandhom baġit, u huma responsabbli bis mix-xatba l-ġewwa u ma jinvestux fl-immaniġġjar tat-toroq, u l-Pulizija li jkollhom preżenti ma jkunx hemm biex jidderieġi t-traffiku.

Is-Sindku nforma li kellmuh ir-residenti ta' triq il-Biedja, u fil-laqgħa li kellu mas-Sa. Deisree u uffiċjal mill-bord tal-eżamijiet iddiskutew u qablu li jingħalaq l-aċċess għal triq il-Biedja kompletament u jinfetaħ l-aċċess min triq l-inkurunazzjoni. Id-dħulijiet prinċipali ser ikunu min triq Speranza u triq Ġuze Delia, fejn ser jsiru tabelli direzzjonali tal-MATSEC mill-Kunsill u kif wkoll il-Kunsill ser jipprovdi *wardens* għal-assistenza fil-ġranet tal-eżamijiet. Din l-ispiża tal-uffiċjali nistgħu nirkuprawhom mill-iskema tal-LESA. Is-Sindku ser jitlob assistenza mill-LESA u ser jkellem lis-CEO.

Fid 9:00pm is-Sindku għamel sospensjoni ta' l-aġenda biex jagħmel *item* 74.5.3 Monument Joseph Barbara.

**74.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**74.4.1 Skola Primarja Grognet 125 Anniversarju**

Il-Kunsillier Borg nforma li fis 17 t'April ser jsir attività għal 125 Anniversarju, u għalhekk talab żewġ uffiċjali għal sagħtejn sakemm tinkixef il-lapida u ssir iċ-ċerimonja.

Il-membri preżenti approvaw.

**74.4.2 Fondi LESA lil NGO's**
Il-Kunsillier Bonnici nfurmat li rċevejna imejl mill-LESA fejn l-għaqdiet reġistrati NGO's Mostin jistgħu jibbenefikaw min €50,000 kull sena għal 3 snin. Is-Sindku nforma li din l-imejl trid tintbagħat lill-għaqdiet kollha u l-Kunsill irid jiffirma u jittimbra l-applikazzjonijiet li jidħlu minn dawn l-għaqdiet qabel id-data tal-egħluq tal-applikazzjoni.

**74.4.3 Triq iċ-Ċinju**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li triq iċ-Ċinju qed jkun hemm *heavy flow* tat-traffiku, u għalhekk talab biex issir *speed moderator* jew tabella 'Cats Crossing' għax diġà ittajjru tlett qtates. Il-membri qablu li ssir tabelli tal-'Cats Crossing', u l-Kunsillier Zerafa għandu jibgħat il-*location.*

**74.4.4 Bicycle Rack**
Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk hux ser terġa issir il-*bicycle rack* fil-pjazza. Is-Sindku nforma li trid issir waħda ġdida għax li kien hemm qabel imkissra. Bħala post din eventwalment ser teħel l-aktar viċin taċ-Ċentru Ċiviku għalkemm il-quddiem tista' tiġi nstallata wkoll fi ġnien Reġġie Cilia.

**74.4.5 Ġonna**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk hux lesti l-ġonna 15 t'Ottubru fiż-Zokrija u Grognet de Vasse fil-Blata l-Għolja. Is-Sindku nforma li Ġnien 15 t'Ottubru fadal li spazju tond li hemm fil-parti ċentrali tal-ġnien, fejn ġab tlett kwotazzjonijiet biex issir l-art bil-qlib u jsir drejn għall-ilma tax-xita. Fuq din l-art jiġi nstallat *turf* artifiċjali u wara nwaħħlu *equipment* għal tfal żgħar biex jilgħabu.
Ġnien Grognet de Vasse huwa lestu fadal li jsiru xi rtokki żgħar.
Fiż-żewġ ġonna fadal jiġu nstallati l-lapidi tal-ftuħ.

**74.4.6 Wardens - Għeluq tal-Pjazza**
Il-Kunsillier Cassar staqsa lis-Sindku jikkonferma jekk l-ispiża tal-wardens meta tingħalaq il-pjazza, hijiex €300 kull *weekend.* Is-Sindku nforma li x-xahar ta' Marzu lis-spiża kienet €900 u l-uffiċjali qed jiġu msejħa biss is-Sibtijiet biex jassistu sakemm ngħalqu l-pjazza. Il-Kunsillier Cassar staqsa lis-Sindku kemm qed tiġi l-ispiża tal-ħaddiema tal-Kunsill biex tingħalaq il-pjazza kul *weekend.* Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li qed jitħallsu l-ħaddiema u l-użu ta' vann għall-ġarr ta' barrikati, barriers u affarijiet oħra.
Il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku li għeluq tal-pjazza fil-*weekends* għandu jsir b'mod professjonali għax biex jitwaħħal *tape* fuq sellum qed jieħdu siegħa minħabba li l-vetturi qed jgħaddu min magħhom ta' spiss. Kif wkoll l-għeluq għandu jsir b'*equipment* professjonali.
Is-Sindku spjega li għalhekk l-Kunsill applika għal ***skema SPI/SCI/02/2024 - Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi.*** B'din l-iskema ser jinxtraw *bollards* professjonali li jkunu jistgħu jinqalgħu.

**74.5 Rapporti**

**74.5.1 Development Planning Funds**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**74.5.2 Aċċess Temporanju mill-PAMA**
Is-Sindku nforma li meta beda jinqala l-ħajt fis 7 ta' Marzu, il-Kunsill ma kienx jaf b'dan. Fil-fatt ir-*road works permit* intbagħat għall-komunikat mall-kunsill lokali ta' Ħal-Lija. Is-Sindku nforma li huwa bagħat rapport b'imejl immedjatament lil *Enforcement u CEO* tal-Awtorità ta'

l-Ippjanar, u kkopja fl-imejl lil TM u IM, liema imejl ġiet mwieġba mmedjatament mis-Sur Cohen ta ' TM fejn stqarr li dan huwa permess temporanju approvat minn TM biex tinfetaħ triq il-Waqqafa u sservi ta' *diversion* minħabba x-xogħol infrastrutturali li jrid jsir fi triq Pantar min IM.
Is-Sindku nforma li kiteb lura lil TM fejn informa li l-Kunsill qatt ma kien ikkonsultat u dan il-fatt mhux aċċettabbli. L-għada kitbu l-*enforcement section* ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar, fejn informawh li dan ma kienx kas ta' *enforcement* għax hemm permess temporanju ta' TM u għalhekk il-każ (rapport) qed jiġi magħluq.

Is-Sindku kompla jispjega li kien hemm xi residenti li talbuh laqgħa, fejn ltaqa magħhom u f'din il-laqgħa r-residenti urew tħassib li din il-miżura temporanja tista' tinbidel f'waħda permanenti, peress li fil-passat kien hemm tentattiv mill-PAMA biex tinfetaħ triq il-Waqqafa, u għalhekk ir-residenti wkoll kitbu lil IM u lil TM, fejn wkoll ikkontestaw id-deċiżjoni ta' l-*enforcement* fejn ikkwotaw il-liġi, u sal-lum din l-imejl mir-residenti għada mhux mwieġba.

Is-Sindku nforma li huwa attenda laqgħa fuq talba tiegħu mas-CEO ta' IM u tekniċi oħra u rappreżentant mill-PAMA ġewwa IM fejn spjega it-tħassib tar-residenti u tal-Kunsill, li flimkien ma jaqblux u li jemmnu li hemm alternattivi oħra flok il-ftuħ ta' triq il-Waqqafa. Is-CEO ta' spjegazzjoni tal-problemi biex isiru trinek u *culverts* fi triq Pantar u s-Sindku nforma li spjega alternattiva oħra fejn l-aċċess temporanju jista' jkun minn għalqa biswit il-PAMA, li hija mikrija għand il-PAMA stess, li diġà qed tintuża parzjalment bħala parkeġġ. IM ma xtaqux li jsir intervent f'għalqa ODZ, u allura is-Sindku wera t-tħassib tiegħu ta' kif jista' jkun li l-PAMA jipproponi proġett ġo art ODZ.
Is-Sindku talab ittra ffirmata bil-miktub li tiddikjara li dan l-aċċess ser ikun temporanju kif ukoll kemm ser idum miftuħ dan l-aċċess.
Dan il-ftehim iffirmat minn IM, TM u l-PAMA wasal il-Kunsill. Ġie d-dikjarat li t-terminu temporanju kellu jkun dak ta' 4 xhur, ser isir *traffic management* fiż-żona residenzjali, ser jitqabbdu uffiċjali kuljum u wara dan it-terminu temporanju l-ħajt jerġa jingħalaq kif kien.
Is-Sindku nforma li wara li ġab din id-dikjarazzjoni ffirmata huwa organizza laqgħa oħra mar-residenti, mbagħad saret laqgħa oħra l-Kunsill flimkien ma rappreżentanza tar-residenti, TM u fejn ġiet diskussa l-ittra ffirmata bil-miktub li l-ftuħ ta' triq il- Waqqafa huwa temporanju.
L-ittra qed tiġi annessa bħala Appendiċi A. Waqt din il-laqgħa kien hemm is-Sindku u l-Viċi Sindku, u għar-residenti is-sur Ray Pace, is-sur Victor Hili, is-Sur Jeffrey Sultana u s-Sa. Anna Zammit.

Għalkemm saret din id-dikjarazzjoni ffirmata, r-residenti xorta kienu kontra li triq il-Waqqafa tibqà miftuħa sakemm jsiru ix-xogħlijiet min IM, għax jemmnu li hemm alternattivi oħra. Wara din il-laqgħa saret wkoll protesta mir-residenti fuq il-post quddiem dan l-aċċess ta triq Waqqafa.

Is-Sindku nforma li qiegħed jikkomunika ma IM dwar it-trinek li jridu jsiru biex jaraw min fejn l-aħħar li jgħaddu biex forsi ma jdumux 4 xhur għaddejjin bix-xogħlijiet. Nfetħet diskussjoni mar-residenti preżenti, fejn il-membri preżenti semgħu l-kummenti tar-residenti.

**74.5.3 Monument Joseph Barbara**
Is-Sindku nforma li l-artist Joseph Barbara, talab lil-Kunsill biex jagħmel monument min materjal riċiklat fi *traffic island* fejn it-Tree Cake a spejjez tiegħu. Saret diskussjoni u l-membri preżenti ma qablux li l-monument li ppreżenta s-Sur Barbara jitqiegħed b'mod permanenti, u għalhekk approvaw li dan jitqiegħed b'mod temporanju għal perjodu ta' sitt xhur.

**74.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**74.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 149.

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**74.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**74.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*.

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-*works order list*.

**74.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-listi tal-*petty cash* li jkopru x-xahar ta' Frar u Marzu 2024.

**74.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:35pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat 7 ta' Mejju 2024 fis-6:00pm.

Konfermati llum 7 ta' Mejju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Perit Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

APPENDICI A

Declaration

**Today, 13th of March, 2024**

We the undersigned, in our capacities of

(a) Mr. Mark Mallia, Chief Executive Officer for the Authority for Transport in Malta;
(b) Mr. Ivan Falzon, Chief Executive Officer the Agency for Infrastructure Malta;
(c) Mr. Malcolm Camilleri, Deputy Chief Executive Officer, Pama Shopping Village Limited;

do hereby jointly declare and confirm that essential public road works shall take place in Triq Pantar in Lija, and as a result the said road shall be closed off to vehicular access. Consequently, temporary vehicular access will be diverted through Pama Shopping Complex and linked through Triq Waqqafa, Mosta (as per attached approved traffic management plan).

We hereby jointly declare and confirm that this traffic management system is only being put in place as a temporary measure pending the completion of the public road works in Triq Pantar. It is estimated that the temporary traffic management will be implemented on 26th March 2024 overnight, and its operation shall commence as of the 27th March. The works are estimated to last four months. During the said works, Transport Malta is to provide two (2) TM enforcement officers on site every day from 8am to 8pm overseeing the traffic management of the site.

We hereby jointly declare and confirm that on completion of the said works, traffic management in the area shall return to its current situation as of today. Consequently, the access linking through Triq Waqqafa shall be reinstated in its original condition prior to the commencement of the works.

Mr. Mark Mallia
o.b.o Authority for Transport in Malta

Mr. Ivan Falzon
o.b.o Agency for Infrastructure Malta

Mr. Malcolm Camilleri
o.b.o Pama Shopping Village Limited




OPTION 1 Enter to PAMA
OPTION 2 Enter to PAMA
OPTION 1 Exit from PAMA
OPTION 2 Exit from PAMA

**INFRASTRUCTURE MALTA**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| UNIT NAME: IMPLEMENTATION | DRAWING TITLE: IL-MOSTA Diversions options for Enter/Exit PAMA Premises TRAFFIC MANAGEMENT | | | |
| HEAD OF UNIT: N.V. | (These arrangements are related only to the equipment required to support the traffic diversions. | | | |
| PROJECT LEADER: - | DATE: Feb 2024 | FILE NO: - | DRAWING NO: - | |
| DRAWN BY: - | SHEET SIZE: A3 | SCALE: N.T.S. | REVISION: B | PAGE NO: 2 |

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

APPENDICI B


LEGEND
PROPOSED HV CABLE
PROPOSED HDPE DUCT
PROPOSED LV FEEDER
PROPOSED EARTHMAT
EXISTING 11KV CABLE
PROPOSED 11KV CABLE
PROPOSED LV CABLE
PROPOSED TRENCH
EXISTING CULVERT
1200
900
1200
900
600
900
600
900
600
900
600
900
1300
900
1000
900
900
900
900
900
450
750
600
900
900
900
900
900
enemalta
PROPOSED 11KV
REINFORCEMENT FROM MOSTA
DC TOWARDS MOSTA TAT-TORBA
S/S AND MOSTA TECHNOPARK
ENE/DK/2532REV.6